MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2007

Numru 409/2002

Il-Pulizija
(Spettur Paul Vassallo)

vs

David Marinelli

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imputat David Marinelli detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 182555(M), akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer bejn il-5 ta’ Marzu 2002 u t-28 ta’ Marzu 2002 wara li kien sar jew kien intalab ordni ta’ investigazzjoni liema ordni jgib id-data tal-5 ta’ Marzu 2002, fil-kapacita’ tieghu ta’ Managing Director ta’ ‘Portman Consultants International Limited’, kien jaf jew kellu suspett li kienet qed issir l-investigazzjoni, kixef illi qeghdha ssir investigazzjoni jew kixef xi haga ohra li setghet tippregudika l-imsemmija investigazzjoni bi ksur

ta' l-Artikolu 4(2) tal-Att kontra l-'Money Laundering' u dan bi ksur ta' l-Artikolu 4(2) tal-Att kontra 'Money Laundering', Kap 373, Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom baghat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex, prevja li tisma kull prova li ggib il-Pulizija u fin-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat, tiddecidi dwar il-htija o meno tal-imsemmi imputat fit-termini tal-artikolu tal-ligi minnu citat;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li definittivament ma kellux aktar provi xi jressaq;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tkompli tinstema' u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Ezaminat ix-xhieda kollha kompriz dik tal-imputat;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi fl-isfond tal-odjerni proceduri hemm investigazzjoni ta' 'money laundering' li l-ufficjal prosekutur kien qieghed jikkonduci kontra terzi u li fil-kors taghha, permezz tal-Avukat Generali, kien intalab u gie ottenut 'ordni ta' investigazzjoni' mill-Qorti Kriminali. Mhux kontestat li t-talba sabiex issir din l-ordni giet milqugha u b'digriet appositu l-istess Qorti ordnat lill-persuni specifikati fid-digriet relattiv sabiex "juru u jghatu access" (inter alia) ghal kull materjal hemm specifikat lill-Ispettur Paul Vassallo fil-konfront il-persuni li kienu qed jigu investigati. Dawn il-proceduri kontra l-imputat skattaw meta l-Ispettur nnota din l-ordni ghand persuna li ma kinitx intitolata li jkun fil-pussess taghha. Fil-kors tal-investigazzjonijiet sussegwenti sabiex ikun identifikat minn min fost il-persuni li kienu notifikati bl-ordni kien responsabbli ghal kxief taghha l-Ufficjal Prosekutur identifika l-imputat li stqarr mal-ewwel li kien ha 'scan' ta' l-ordni u baghata

tramite 'e-mail' lil certu Michael Degiorgio li irrefera ghalih bhala l-persuna li 'ghandu l-kontrol tas-socjeta' ossija il-'Portman Consultants International Limited' li kienet fost dawk notifikati bl-ordni ta' investigazzjoni. Il-Qorti Kriminali b'digriet sussegwenti ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija jkompli jinvestiga, partikolarment fil-konfront tal-imputat, 'sabiex eventwalment jittiehdu dawk il-passi kriminali' ai termini tal-Att dwar il 'Money Laundering'.

Illi huwa fatt mhux kontestat li l-imputat fi zmien meta l-ordni giet notifikata lis-socjeta' 'Portman Consultants International Limited' (illum 'Portman International Limited') huwa kien gia' l-General Manager taghha u illum huwa kemm azzjonist u uniku direttur subentrat ghall-imsemmi Michael Degiorgio. Dwar din is-socjeta', trattat l-isfond taghha, jirrisulta mill-att kostituttiv tas-socjeta' li fi zmien tal-ordni ta' investigazzjoni hija kienet komposta minn zewg azzjonisti (Nick Degiorgio u l-Marianne Trust) u direttur wiehed fil-persuna tal-istess Nick Degiorgio. Sussegwentement, precisament fis-27 ta' Awissu 2002, sehhew kambjamenti radikali fis-socjeta' li mhux biss bidlet isimha izda wkoll, kif gia' accennat aktar 'il fuq, issubentraw azzjonisti godda in sostituzzjoni ghal dawk uscenti - appuntu l-imputat b'azzjoni wahda u l-'Corporate Holdings Limited' bil-kumplament tal-azzjonijiet. In kwantu s-socjeta' 'Corporate Holdings Limited' jirrisulta li l-imputat huwa wkoll azzjonist u uniku direttur waqt li l-azzjonist l-iehor hija 'Safi Holdings' (socjeta' 'en commandite' u azzjonista maggjoitarja).

Issa l-akkuza kontra l-imputat tirreferi u hija mfassla fuq l-Artikolu 4(2) tal-Kap 373 imsejjah l-'Att kontra Money Laundering' (li ghal fini tas-sentenza ser jigi riferut bhala l-Att). Dan l-Artikolu jipprovdi, illi:

" Meta jkun sar jew ikun intalab ordni ta' investigazzjoni, kull min, meta jkun jaf jew ikollu suspett li tkun qed issir l-investigazzjoni, jikxef illi qieghda issir investigazzjoni jew jikxef xi haga ohra li tista' tippregudika l-imsemmija investigazzjoni ikun hati ta' reat…

Izda fi procedimenti ghal reat taht dan is-subartikolu, l-akkuzat ikun jista' jiddefendi ruhu billi jipprova illi huwa ma kienx jaf jew jissuspetta li l-kxif seta' jippregudika l-investigazzjoni".

Illi mela sabiex tissussisti r-reita' taht din id-disposizzjoni specifika jrid ikun hemm: l-ewwel – l-ordni jew it-talba ta' ordni ta' investigazzjoni; it-tieni – l-kxief li qeghdha issir l-investigazzjoni jew il-kxif ta' xi haga ohra li tista' tippregudika l-imsemmija investigazzjoni. Jigifieri, f'din it-tieni ipotesi, l-element determinanti huwa il-kxif 'per se' u fejn dan jirrisulta huwa sekondarju jekk jirrisultax jew setghetx tirrisulta pregudizzju lill-imsemmija investigazzjoni. Hemm pero' l-proviso li tinnewtralizza r-reita' f'kaz li l-imputat jipprova li huwa ma kienx jaf jew jissuspetta li l-kxif seta' jippregudika l-investigazzjoni.

Illi fil-kaz in disamina m'hemm ebda dubbju li kien hemm ordni ta' investigazzjoni mahruga mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, bid-data tal-5 ta' Marzu 2002, wara rikors tal-Avukat Generali, ai termini u kif previst mill-Att. Din l-ordni tinsab inserita folio 22 et seq u tikkolpixxi fost persuni ohra lill- 'Portman Consultants International Limited'.  M'hu lanqas kontradett li fid-data meta giet notifikata l-ordni ta' investigazzjoni l-imputat kien il-persuna li lilha giet notifikata l-ordni u li huwa kien il-general manager taghha. F'tali kapacita' ghalhekk l-imputat u tenut responsabbli u ghandu jirrispondi ghat-twettiq ta' xi azzjoni jew nuqqas illecitu skond kif jipprovdi l-Artikolu 13 tal-Kap 249. Inghad dan pero' l-Att fl-Arttikolu 4(2) huwa kemm xejn generiku fit-terminologija li juza. Isemmi l-'kxif', riferibbli ovjament ghall-ordni ta' investigazzjoni (f'dan il-kaz) u jeskludi semplicement 'il-kxif' li jsir mal-avukat jew qassis fil-konfessjonarju ai termini u kif hemm provdut rispettivament fil-Kodici Kriminali u l-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili. Issaqsi l-Qorti, ghalhekk, jekk il-kxif lill-'Compliance Officer' tas-socjeta' jew wkoll xi komponent tas-socjeta' jikkostitwixxi 'il-kxif' punibbli bl-Att. Fil-kaz in ezami l-'kxif' tal-ordni jirrisulta li sar mill-imputat lill-compliance officer u

l-imsemmi Degiorgio. Hawnhekk il-prosekuzzjoni verament mhux qeghedha tattakka ‘il-kxif’ vis-à-vis il-‘compliance officer’ izda qeghdha toggezzjona u tara ‘il-kxif’ mill-fatt li din intbaghatet lill-Degiorgio, persuna, li tiddentifikah bhala li ma kellu ebda rwol fil-kumpanija ‘Portman Consultants International Limited’. F’tali kuntest din il-Qorti ma taqbilx ghal kollox mal-prosekuzzjoni stante li ghandu jirrisulta minghajr ebda dubbju li Degiorgio kien jekk xejn il-promotur (promoter) tal-socjeta’ su riferita figura rikonoxxuta kemm fil-ligi tal-kumpaniji taghna u kemm f’dik Ingliza. Apparti dan izda din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-prosekuzzjoni li l-imputat ma kellu ebda dritt u wisq anqas obbligu li jikkomunika l-kontenut tal-ordni “lil xi socjeta’ ohra jew persuni ohra ghajr il-‘compliance unit’ tal-PCIL…”. Taqbel ghalhekk li “l-ebda policy jew regolament intern ma [seta’] jaghti lok li tigi vjolata xi ligi”, ‘multo magis’ meta l-ligi titratta materji sensittivi li ghandhom bhala bazi s-segretezza u l-konfidenzjalita’ assoluta.
Illi sa hawn allura l-Qorti tikkondividi l-fehma tal-prosekuzzjoni li l-imputat zbalja meta kixef l-ordni tal-investigazzjoni lill-Degiorgio. Taqbel ukoll li dan il-kxif seta’ ippregudika l-investigazzjoni kunsidrat li l-imsemmi Degiorgio kien direttur u proprejtarju ta’ socjetajiet u entitajiet fl-esteru li setghu kienu in kontatt mal-persuni suspettati u li kienu involuti huma wkoll fis-settur finanzjarju.

Illi jibqa’ pero indubitat li s-socjeta’ ‘Portman Consultants International Limited’ kellha relazzjonijiet stretti ma’ Degiorgio li jirrizulta li mhux biss kien il-promotur izda l-artefici principali koadivat mill-imputat fl-evoluzzjoni tal-istruttura socjetarja kif evolviet tul iz-zmien mill-inkorporazzjoni tas-socjeta’.

Illi kif gia’ ntqal l-imputat zbalja meta kixef l-ordni ta’ investigazzjoni lill-Degiorgio izda mill-provi jirrisulta wisq car lil din il-Qorti li huwa kien ‘in buona fede’ u agixxa minghajr malizzja. Minn dan il-lat l-imputat ipprova ghalhekk illi huwa “ma kienx jaf jew jissuspetta li l-kxif

seta' jippregudika l-investigazzjoni". Lanqas minn ezami dettaljat tal-provi ma jirrisulta f'dan il-kaz illi l-investigazzjoni giet realment ippregudikata.

Illi ghalhekk tiddecidi u tiddisponi mill-kawza billi tiddikjara l-imputat mhux hati tal-akkuza kontrih dedotta u tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------